StudentBounty.com

# Il-*Benchmark* ta' Tmiem l-Edukazzjoni Primarja

# 2012

## Il-Malti: Il-Qari

## Il-Marki: 30 marka

## Il-Ħin: 50 minuta

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Aqra dan ir-riklam u aħdem l-eżerċizzji ta' wara.**

# Klinika Annimali Kuntenti

### Fejn issib dak li trid għall-*pet* tiegħek

Il-klinika toffri dawn is-servizzi:

- Kura u ħarsien tal-annimali domestiċi tiegħek, bħal meta jkollok bżonn titlaq mid-dar għal raġunijiet ta' safar, saħħa, xogħol jew mistrieħ.
- Veterinarji bl-aqwa kwalifiki bi snin twal ta' esperjenza li jagħtu servizz mediku u jagħmlu operazzjonijiet jekk ikun meħtieġ.
- Pariri minn esperti dwar kif tieħu ħsieb aħjar l-annimali tiegħek.
- Korsijiet ta' kif tħarreġ il-klieb u l-qtates tiegħek biex jadattaw ruħhom għall-ambjent tad-dar.
- Qtugħ tad-dwiefer taż-żwiemel, tal-klieb u tal-qtates.
- Bejgħ ta' prodotti tal-ikel tajbin għall-annimali tiegħek.
- Servizz ta' emerġenza, inkluż trasport b'ambulanza tal-annimali, matul il-ġurnata kollha, sebat ijiem fil-ġimgħa.
- Bejgħ ta' kotba ġodda u użati li l-qligħ minnhom imur għall-aġenzija edukattiva "Ħobb l-Annimali" li tgħallem lill-pubbliku kif irabbi l-annimali.

Il-klinika tinsab 22, Triq il-Bhejjem, Ħal Pinen u tkun miftuħa kuljum, inklużi s-Sibtijiet u l-Ħdud, mis-sebgħa ta' filgħodu sal-għaxra ta' billejl. Jekk tkun teħtieġ xi servizz tista' ċċempel il-Klinika Annimali Kuntenti fuq 21234587. Tista' tidħol fis-sit tal-klinika u ssib l-informazzjoni meħtieġa f'dan l-indirizz elettroniku: *www.klinikannimalikuntenti.mt* . Tista' timla l-formola ta' sħubija biex tibda tirċievi l-aħħar informazzjoni u offerti mingħandna.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**A. Imla l-vojt f'din it-tabella billi tieħu l-informazzjoni mitluba mir-**

L-ewwel waħda hija eżempju. *(3*

| | |
|---|---|
| **L-Isem tal-Klinika:** | **<u>Klinika Annimali Kuntenti</u>** |
| **L-Isem tat-Triq:** | ________________________ |
| **Ir-Raħal:** | ________________________ |
| **Il-Jiem tal-Ftuħ:** | **mit-Tnejn sal-____________** |

**B. Imla l-vojt billi ssib <u>il-kelma</u> t-tajba mir-riklam.** *(3 marki)*

L-ewwel waħda hija eżempju.

Fost is-servizzi li toffri l-Klinika Annimali Kuntenti hemm dak ta' **<u>emerġenza</u>**. Dan is-servizz huwa offrut sebat ijiem fil-______________ u wieħed jista' juża wkoll trasport apposta b'_______________ tal-annimali, jekk ikun jeħtieġ. Fil-klinika jistgħu jsiru ________________ minn veterinarji kwalifikati.

**Ċ. Aqta' linja taħt it-tweġiba t-tajba.** *(4 marki)*

L-ewwel waħda hija eżempju.

1. Il-Klinika Annimali Kuntenti għandha (pulizija, **<u>veterinarji,</u>** volontiera) li jagħtu s-servizz tagħhom b'mod professjonali.
2. Wieħed jista' jieħu (l-papru, l-fenek, l-kelb) tiegħu fil-Klinika Annimali Kuntenti biex jaqtgħulu d-dwiefer.
3. Min irid jista' jmur il-Klinika Annimali Kuntenti biex jieħu (sehem fil-wirja ta' Sant'Anton, pariri minn esperti tal-annimali, kors ta' veterinarju).
4. Il-Klinika Annimali Kuntenti toffri korsijiet fuq (il-kura tal-annimali, kif tgħallem l-annimali jidraw l-ambjent tad-dar, l-għażla tal-aħjar prodotti tal-ikel għall-annimali).
5. Tista' tissieħeb bħala membru fil-Klinika Annimali Kuntenti u tibda tirċievi (kotba użati b'xejn, stediniet għall-wirjiet tal-annimali, informazzjoni u offerti).

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

## It-Tieni Taqsima (2 a)

StudentBounty.com

**Aqra din l-informazzjoni u aħdem l-eżerċizzji ta' wara.**



### L-GĦASEL MALTI

*L-Ewwel Parti*

L-għasel huwa prodott tal-ikel li ssibu f'ħafna pajjiżi madwar id-dinja. Il-Gżejjer Maltin huma magħrufin għall-kwalità bnina tal-għasel li n-naħal tagħna jipproduċi. Ħafna studjużi jaħsbu li l-kelma 'Melita', l-isem li **bih** kienet magħrufa gżiritna fi żmien ir-Rumani, ġejja mill-kelma Griega 'meli' li tfisser għasel. Illum għad għandna ismijiet ta' postijiet f'Malta u f'Għawdex marbutin man-naħal u mal-għasel. Hekk insibu Wied il-Għasel fil-Mosta, Għar Naħal fl-inħawi ta' Ħal Qormi, l-Imġiebaħ f'Selmun, u Tax-Xemgħat fin-naħa Ta' Sannat, f'Għawdex. ***(par. 1)***

L-għasel jinġabar minn kaxxi maħduma apposta biex fihom il-ferħ tan-naħal jibni x-xehda tiegħu. Fl-antik kienu jintużaw ġarar tal-fuħħar imsejħin qliel jew qolol. Dawn kienu jinżammu ġo kmamar mibnijin apposta magħrufin bħala mġiebaħ. Il-faċċata tal-kaxxi dejjem tħares lejn in-Nofsinhar biex id-dawl tax-xemx tielgħa jilħaq kmieni lin-naħal u jħajru joħroġ jaħdem. In-naħal huwa insett bieżel ħafna u jagħmel ħafna xogħol iebes biex jipproduċi l-għasel. ***(par. 2)***

In-naħal idur fuq il-fjuri biex jieħu **minnhom** żewġ sustanzi importanti. Dawn huma t-trab fin magħruf bħala trab dakkari (*pollen*) u l-meraq ifuħ li terħi l-pjanta biex tiġbdu lejha. Dan il-meraq huwa magħruf bħala nektar. Mill-fjura n-naħla tibda tiġbed u taħżen f'żaqqha l-meraq permezz ta' lsienha li għandu l-**għamla** ta' tubu twil u rqiq. Waqt li ssoff il-meraq, hija tibda tgeddes ma' saqajha ta' wara t-trab dakkari li jkun hemm fuq il-fjura. In-naħla **tgħaqqdu** u tiffurmah f'boċċa. Mat-trab hija żżid ftit meraq biex dan jagħqad u jeħel sewwa. **(*par. 3*)**

Meta tara li mtliet, in-naħla tirritorna lejn ix-xehda u tqiegħed kollox hemm. Ta' min jgħid li n-naħla tagħmel mili sħaħ kuljum tivvjaġġa minn u lejn ix-xehda b'tagħbija ta' meraq u trab dakkari daqs kemm tiżen hi! Dan il-ġiri tan-naħal minn pjanta għal oħra huwa meħtieġ għall-biedja għax bih issir id-dakra tal-frott. Id-dakra tfisser meta s-siġra tibdel il-fjuri fi frott. ***(par. 4)***

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**A. Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel sinjal ( ✓) fil-kaxxa.**

*(Marka għal kull waħda =*

1. Malta kellha l-isem ta' 'Melita' fi żmien

   ☐ l-Għarab.

   ☐ l-Ingliżi.

   ☐ ir-Rumani.

2. Fl-antik, in-naħal kien jibni x-xehda tiegħu

   ☐ fil-qliel tal-fuħħar.

   ☐ fil-kaxxi tal-injam.

   ☐ fil-kaxxi tal-kartun.

3. Il-ġiri tan-naħal minn fuq pjanta għal oħra huwa meħtieġ

   ☐ biex in-naħal jieħu l-weraq u jibni x-xehda tiegħu.

   ☐ biex is-siġar jagħmlu l-frott mill-fjuri.

   ☐ biex in-naħal ikollhom x'jagħmlu għax huma biżlin.

4. **Ikteb għal min jew għal xiex qed jirreferu.**

   ***Eżempju*:** l-isem li bi**<u>h</u>** kienet magħrufa gżiritna... *(par.1)*: l-**<u>h</u>** tirreferi għall-**<u>isem</u>**.

   a) biex jieħu minn**<u>hom</u>** *(par.3)*: **hom** tirreferi għall-____________

   b) In-naħla tgħaqqd**<u>u</u>** *(par.3)*: **u** tirreferi għat- _______________

5. Mill-**ewwel paragrafu**, sib eżempju ta' kelma fil-**Plural Sħiħ**.

   ________________________

6. Mill-**ewwel paragrafu**, sib kelma li hi **l-maqlub** tal-kelma **maħlulin**.

   ________________________

7. Agħti **kelma oħra** flok il-kelma "**għamla**" li tinsab fit-**tielet paragrafu**.

   ________________________

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**Kompli aqra l-informazzjoni u aħdem l-eżerċizzji ta' wara.**

*It-Tieni Parti*



Fis-suq wieħed jiltaqa' ma' tipi u kuluri differenti ta' għasel. Issib għasel dehbi maħlul, u għasel skur magħqud. Il-kulur jiddependi mill-fjuri li minnhom in-naħla tkun ġabret l-għasel tagħha. Hemm għasel magħmul minn fjura waħda jew minn fjuri differenti li jiftħu fl-istess staġun. Aktar ma l-fjura tkun żgħira fil-qies, aktar l-għasel ikun skur u magħqud. L-għasel insemmuh jew skont il-fjura li minnha jkun sar, jew skont il-post li fih jitrabba n-naħal, jew skont l-istaġun li fih jinġabar. Hekk insibu l-għasel tas-sagħtar, tal-ħarrub, tas-silla u tal-lariġ. ***(par. 5)***

L-għasel jista' jintuża bħala mediċina, fi prodotti tas-sbuħija u fit-tisjir. L-għasel tal-lariġ fih ammont kbir ta' vitamina Ċ u għalhekk tajjeb biex jilqa' jew ifejjaq l-irjiħat. L-għasel magħmul mill-ħarrub jintuża biex itaffi s-sogħla. Kuċċarina jew tnejn minn dan l-għasel maħlula fi ftit misħun ma' biċċa lumija magħsura hija riċetta popolari għas-sogħla. Xi tobba jissuġġerixxu li min iħossu għajjien jista' jieħu kuċċarina għasel filgħaxija u jakkwista l-enerġija malajr. Ħafna jużawh biex irattab il-ġilda xotta. Dan il-prodott jidħol ukoll fit-tisjir Malti, speċjalment f'riċetti tal-ħelu tradizzjonali tal-Milied, bħall-qagħaq tal-għasel u l-pudina tal-ħobż. ***(par. 6)***

Minn dan kollu napprezzaw kemm in-natura ħasbet fil-bniedem. B'kuċċarina għasel kuljum tista' tilqa' kontra ħafna mard għax tieħu l-vitamini meħtieġa għall-ġisem. Niftakru li bis-saħħa ta' xogħol in-naħla, fil-kampanja Maltija nistgħu ngawdu pjanti u xtieli selvaġġi li jikbru bis-saħħa tad-dakra li jagħmel in-naħal. B'hekk, Malta għandna pjanti u siġar bħas-sagħtar, is-silla u l-ħarrub li, barra li jsebbħu l-kampanja, jagħtuna l-għasel bnin li l-Griegi tal-qedem kienu jqisu bħala l-ikel tal-allat! ***(par. 7)***

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**B. Wieġeb dawn il-mistoqsijiet fi kliemek u fil-qosor:**

*(Marka għal kull waħda =*

1. Minn xiex jiddependi l-kulur tal-għasel? *(par. 5)*

______________________________

______________________________

2. Minbarra fil-mediċina u fit-tisjir, fiex jista' jintuża l-għasel? (*par. 6)*

______________________________

______________________________

3. Għaliex hu tajjeb li tieħu kuċċarina għasel kuljum? *(par. 7)*

______________________________

______________________________

4. Spjega kif il-kampanja Maltija tgawdi bis-saħħa tax-xogħol tan-naħal. *(par. 7)*

______________________________

______________________________

5. Aqta' linja taħt **l-aġġettiv** f'din is-sentenza:

   Fis-suq wieħed jiltaqa' ma' tipi u kuluri differenti ta' għasel. *(par. 5)*

6. Agħti **l-għerq tal-verb** f'din is-sentenza:

   … għalhekk tajjeb biex **jilqa'** l-irjiħat. *(par. 6)* ______________

7. Oħroġ **nom** mill-verb "**ġabret**". *(par. 5)* ______________

8. Aqta' linja taħt **il-partiċella** t-tajba f'din is-sentenza:

   In-naħal huwa meħtieġ (għall- , għal- , għal) kampanja Maltija.

StudentBounty.com

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

**Ċ. Aħdem dawn il-mistoqsijiet fuq *L-Għasel Malti*.** *…i)*

1. Ikteb **żewġ punti** li tgħallimt fuq l-għasel.

   a) ______________________________________________

   b) ______________________________________________

2. Għaliex taħseb li l-Griegi kienu jqisu l-għasel bħala l-ikel tal-allat?

   Taqbel magħhom?

   ______________________________________________

   ______________________________________________

   ______________________________________________

   ______________________________________________

---

**TMIEM IL-KARTA**

StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers